



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2024
(OR. en, pl)

10781/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0137(NLE)

TRANS 281
RELEX 767

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10686/24 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim li jemenda l-Ftehim tad-29 ta' Ġunju 2022 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq – Adozzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mill-Polonja li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-laqgħa tal-Coreper u tal-Kunsill EPSCO.

Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim li jemenda l-Ftehim tad-29 ta' Ġunju 2022 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Il-Polonja tipprovdi b'mod konsistenti appoġġ komprensiv għall-Ukrajna fil-konflitt li għaddejja minnu. Madankollu, huwa evidenti li l-funzjonament tal-Ftehim bejn l-UE u l-Ukrajna dwar it-trasport ta' merkanzija bit-triq s'issa kellu konsegwenzi negattivi għall-industrija Pollakka tat-trasport bit-triq u aggrava d-disparità tal-kundizzjonijiet għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq. Il-Polonja tapprezza l-fatt li l-kontenut tal-Ftehim ġie emendat. Fl-istess ħin, il-Polonja tiddikjara li ser tkompli tanalizza bir-reqqa s-sitwazzjoni fis-suq tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari fil-kuntest tal-emendi li saru fil-Ftehim. Jekk ikun xieraq, il-Polonja ser tikkunsidra li titlob l-użu tal-istrumenti ta' protezzjoni previsti fil-Ftehim emendat.
